MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 25/2009

**JOHN RIPARD & SON (SHIPPING) LIMITED (C-20097)**

**vs**

**IL-BASTIMENT *"M.V. CARL C",*** registrat il-Germanja bin-numru ufficjali SSR 5231, fil-proprjeta' ta' Cramer Schiffahrts – GmbH & Co. KG MS "Carl C"

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-12 ta' Jannar, 2009, li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smigh ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imharrkin, solidalment bejniethom, biex

ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' wiehed u tletin elf, sitt mija u erbgha u sittin euro u wiehed u sebghin centezmi (€31,664.71) li tirraprezenta spejjez minfuqa mill-kumpannija rikorrenti fil-kwalita' taghha ta' agent tal-bastiment intimat *"M.V. Carl C"*, u ghall-beneficcju tal-istess bastiment fuq talba tas-sidien tieghu intimati matul ix-xahar ta' Novembru, 2008[1] sal-5 ta' Jannar, 2009;

Talbet ukoll il-hlas ta' l-imghax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors gew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejhet il-kawza, u hekk baqghu kontumaci;

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja ta' l-intimati tiddeciedi billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u taqta' l-kawza minghajr is-smigh;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara lill-imharrkin bhala debituri, flimkien u solidalment bejniethom, tal-kumpannija attrici fis-somma ta' wiehed u tletin elf sitt mija u erbgha u sittin euro u wiehed u sebghin centezmi (€31,664.71) rapprezentanti spejjez minfuqa mill-istess

[1] Dok "A", f'pagg 9-10 tal-process

kumpannija attrici fil-kwalita' taghha ta' agent tal-bastiment intimat;

**3. Tilqa' t-tielet talba_**u tikkundanna lill-imharrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €31,664.71 rapprezentanti l-ispejjez fuq imsemmija, flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mit-12 ta' Jannar, 2009, sal-jum tal-hlas effettiv;

4. **Tikkundanna** lis-socjeta' mharrka ihallsu **l-ispejjez tal-kawza**.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------